**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 21 ta' Ġunju 2017**

**App. Nru. 477/14 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Philip Caruana**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Paul Philip Caruana, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 524386M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gżejjer fit-3 ta' Awwissu 2004 u fil-jiem ta' qabel kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor, bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif

sussegwentment emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta` mobbli jew imobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta` tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jitrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew imobbli.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Novembru 2014 fejn il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, sabet lill-imsemmi Paul Philip Caruana ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u kkundannatu għal tliet (3) snin priġunerija effettiva, kif ukoll ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament għandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarja erogata, u għal dan il-fini r-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data. Pero` jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata habs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut. Inoltre, il-Qorti ordnat lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema spejjeż jammontaw għas-somma ta' mija u tlettax-il Euro u tletin ċenteżmu (€113.30), ekwivalenti għal tmienja u erbgħin Lira Maltija u erba' u sittin ċenteżmu (Lm48.64), li għandhom jitħallsu fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza appellata, b'dan li jekk il-ħati jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiż-żmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata priġunerija għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut. In vista tad-digriet ta' l-ewwel Qorti tal-11 ta' Diċembru 2006,[1] l-istess Qorti ma ordnatx is-sekwestru f'idejn terzi persuni tal-proprjeta` tal-ħati u lanqas ma pprojbietu milli jitrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi mill-proprjeta` tiegħu. Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita, taħt is-superviżjoni tar-Reġistratur. Inoltre ordnat ir-rilaxx a favur tal-ħati tal-flus esebiti u tal-vettura Peugeot 106, numru tar-reġistrazzjoni VBA 524;

[1] Ara fol. 60 tal-process.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Paul Philip Caruana ppreżentat fl-20 ta' Novembru 2014 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn instab ħati ta' pussess iżda tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-kwalifika li l-kokajina nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu u fejn ġiet erogata l-piena msemmija u/jew fl-eventwalita` li ma tilqax l-aggravju dwar il-mertu tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti li tirrigwarda l-piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "1. Illi bir-rispett l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament sbilancjat u zbaljat tal-provi bil-konsegwenza li erronjament waslet sabiex tikkonkludi li kellha l-konvinzjoni morali li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-esponent.
>
> "Illi l-esponent sejjer f'dan ir-rigward jikkummenta fuq il-konsiderazzjoni li wasslu lill-ewwel Qorti sabiex tasal ghal din il-konvinzjoni morali. Il-konsiderazzjonijiet kienu senjatament is-segwenti:
>
> "(a) L-esponent ma kienx 'habitual' izda 'weekend' user u allura gismu ma kienx jiflah jiehu ammont ta' kokajina li huwa stqarr li kien ser jiehu waqt li jkun Ghawdex.
>
> "Sabiex tasal biex ma taccettax dak li stqarr l-esponent, l-ewwel Qorti kkummentat ukoll li huwa notorjament risaput li 'the typical single dose' hija ta' 0.5grammi.
>
> "Bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, min hu midhla sew tad-dinja tad-droga ma jistax ma jistaqsix fuq liema informazzjoni tali konkluzjoni hija msejsa. Min huwa midhla sew fid-dinja tad-droga jaf pero` li 'the typical dose' jiddependi minn hafna fattur. Dawn jinkludu:
>
> 1. Kemm inti finanzjarjament komdu li tixtri l-kokajina.
> 2. Kemm gismek jiflah ghall-kokajina u din hija xi haga li tevolvi skond l-uzu.
> 3. Il-mod kif tikkonsma l-kokajina.
>
> "Min huwa midhla sew fid-dinja tad-droga jaf li jekk ser imur f'post fejn mhux necessarjament jaf is-suq, ahjar jahseb minn qabel u possibilment igib anki aktar milli fil-fatt finalment jispicca jikkonsma. Tali konsiderazzjoni tassumi iktar relevanza f'kazijiet fejn id-droga tkun il-kokajina, u cioe` fejn il-*users* huma notorjament persuni benestanti u fejn huwa risaput li l-bzonn ta' din id-droga hija principalemt psikologika.

"U wara kollox min ikun jahdem fil-kamp tad-droga jaf ukoll li billi xtrajt 15 il-gramma biex zgur ma tisfax minghajrha meta tkun f'post fejn ma tafx is-suq, jekk tispicca tikkonsma 8 grammi, ghall-grazzja tal-argument, is-7 grammi li jifdal tehodhom lura mieghek. Zgur li ma tarmihomx. Pero` li tiehu mieghek anki aktar milli forsi tikkonsma jaghtik is-serhan tal-mohh li ghandek 'supply' bizzejjed punto e basta.

"Jinghad bl-akbar [rispett] li l-esponent ma jistax jifhem ghaliex saret l-affermazzjoni li hu ma kienx kredibbli meta stqarr li l-kokajina inxtrat minnu sabiex ikollu meta jkun Ghawdex.

"Jirrizulta mill-atti, inoltre, li l-esponent huwa finanzjarjament stabbli u b'hekk jista' jixtri anki aktar milli necessarjament kien jikkonsma filwaqt li kien Ghawdex. X' hemm suspettuz f'dan? Anzi l-esponent jistaqsi, x'kien l-ewwel Qorti ma kkummentat xejn fuq il-fatt li huwa finanzjarjament stabbli tant li ma ghandux bzonn jispacca droga?

"(b) L-esponent ma jiehux l-istess ammont ta' droga l-Hadd u matul il-gimgha ghaliex matul il-gimgha irid imur jahdem. Min huwa intiz, b'xi mod jew iehor, fid-dinja tal-konsum tad-droga din jifhimha. U min hu intiz fid-distinzjonijiet ta' abitudnijiet relattivi tad-drogi diversi din jifhimha aktar. Hija fil-fatt semplici hafna ghax tirrifletti realtajiet li tesperjenzahom anki f'dak li jirrigwarda konsum ta' alkohol.

"B'hekk matul il-gimgha u nhar ta' Hadd filghaxija kemm min jiehu l-kokajina u kemm min jixrob, jekk jiehu x-xoghol tieghu b'sens ta' impenn, jikkonsma anqas droga jew alkohol skond il-kaz f'dawn il-granet.

"Daqstant iehor l-esperjenza tal-hajja tghallem li meta tkun btala dawn il-konsiderazzjonijiet ma taghmilhomx. Ir-raguni hija pjuttost ovvja - ghax l-ghada filghodu waqt li tkun fuq btala l-isveljarin ma jdoqqx! U di piu` jekk trid tiehu naghsa wara nofs-in-nhar, ghax forsi ghandek ugieh ta' ras, dana , meta tkun fuq btala, tista' taghmlu wkoll. X'hemm li m'ghandux mis-sewwa f'dana kollu? L-esperjenza tal-hajja mhux hekk tghallem? Mela allura ghaliex l-ewwel Qorti kienet daqstant konvinta, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li ma taccettax il-verzjoni tal-imputat li xtara 5 grammi aktar biex zgur ikollu bizzejjed meta jkun Ghawdex?

"U ghaliex meta l-ewwel Qorti qalet li ma temminx li l-esponent kien jikkonsma daqstant droga ma kkummentat xejn fuq id-deposizzjonijiet ta' Dr. Mario Scerri li spjega fid-dettall kemm kien jikkonsma droga l-esponent? Ghall-ewwel Qorti, id-depozizzjoni ta' Dr. Scerri wkoll mhijiex kredibbli? U jekk m'hijiex, kif ma kkummentat xejn dwar dan?

"(c) L-ewwel Qorti dehrilha li f'din l-ewwel konsiderazzjoni li ghamlet tikkummenta ukoll li l-kokajina hija stimulant u mhux kalmant. Bir-rispett min huwa intiz fid-dinja tal-konsum tad-droga jaf li meta jkollok dipendenza fuq il-kokajina, il-kokajina tehodha rrispettivament minn jekk tridhiex tistimulak jew tikkalmak.

“Bir-rispett kollu, l-esponent jistaqsi allura, li kien sejjer Ghawdex ghall-btala ta’ trankwillita` x’suppost kellu jiehu? Jixtri l-kannabis minflok il-kokajina?
Jekk droga partikolari ghandhiex effetti partikolari meta tittiehed huwa rrelevanti. Li huwa rilevanti huwa fuq x’hiex inti dipendenti u mhux fuq l-effett li l-konsum ta’ xi tipi ta’ droga jkollu b’mod generali fuq kull min jikkonsmaha.

“(d) L-ewwel Qorti kkummentat ukoll li l-konsum ta’ gramma droga kuljum ma kienx sostenibbli ghalih ghaliex gismu ma kienx tolleranti ghal dak il-konsum kollu. Bir-rispett kollu anki hawn l-esponent ma jistax ma jikkummentax fuq il-mod pjuttost legger li bih il-Qorti qed tasal ghal din il-konkluzjoni.

“L-ewwel ma jistaqsi huwa - Ghaliex ma jiflahx ghal dan il-konsum kollu? Sar xi ezami xjentifiku ta’ kemm jiflah ghall-konsum ta’ droga gisem l-esponent? Fuq x’hiex hija msejsa din il-konkluzjoni?

“Jekk huwa kif qed tghid il-Qorti allura kif jista’ jigi spjegat dak li stqarret fil-paragrafu 2 tal-konsiderazzjonijiet taghha? Fil-fatt f’dan it-tieni paragrafu l-ewwel Qorti dehrilha li tistqarr is-segwenti:

“‘Pero` mill-booking tal-hotel li hu stess ipprezenta huwa kien se jdum hemm mill-4 ta’ Awwissu sas-16 ta’ Awwissu, 2005 (recte: 2004) - jigifieri tnax (12) il-gurnata - ghalhekk certament (10) grammi kienu altru milli sufficjenti’

“Imma allura jekk skond l-ewwel Qorti certament li 10 grammi kienu altru milli sufficjenti ghalih, ifisser li l-5 grammi l-ohra ma kinux ghall-uzu personali tieghu?

“U fuq liema metodu u a bazi ta x’hiex l-ewwel Qorti qed tikkonkludi li 10 grammi kienu aktar milli sufficjenti ghalih? Mela din xi ricetta li jaghtik it-tabib li jghidlek x’doza ta’ medicina trid tiehu? U jekk huwa hekk u l-flixkun tal-medicina li jaghtik l-ispizjar ikun fih (bhalma spissi ikun il-kaz) aktar mid-doza preskritta dan ifisser li l-medicina li jibqa’ mhux ser tuzaha iktar il quddiem? Bir-rispett kollu l-esponent huwa altroche` sbalordit b’din il-logika. Donnu qabel ma mar jixtri kellu jikkalkula matematikament kemm ser jikkonsma biex jassigura ruhu li jixtri daqstant - u bir-ragunament tal-ewwel Qorti tali ezercizzju kellu jwassal sabiex jikkonkludi li ‘10 grammi kienu altru milli sufficjenti’. Dnub li ma xtarax daqstant ghax kieku ma kienx jisfa kkundannat tliet snin habs!

“(e) U xi nghidu ghall-purita`? L-ewwel Qorti kkummetnat fuq il-fatt li l-purita` kienet wahda gholja ta’ 40%. Bir-rispett dak il-percentagg huwa solitu hafna u komuni mmens. Purita` gholja tkun dik li taqbez percentagg hafna oghla minn hekk. Dan huwa dak li l-esperjenza fid-dinja tad-droga - partikolarment id-dinja tad-droga kokajina - tghallem.

“(f) Il-Qorti kkummentat ukoll li ma temminx li l-esponent ha zewg linji kokajina fi triqtu Hal Qormi wara li xtraha. Ghaliex? Ghaliex skond hi, la fuq il-persuna tieghu u lanqas fil-vettura ma nstabu ghodda li jintuzaw ghall-abbuz tal-kokajina bhal xi tubu biex jigbidha bin-nifs minn imniehru.

“Bid-dovut rigward tali affermazzjoni tkompli tnissel il-preokkupazzjoni serja li l-ewwel Qorti, bl-akbar rispett, ma ghandha ebda konoxxenza fil-materja tal-konsum tad-droga jew, almenu, il-konsum tal-kokajina. Biex tigbed il-kokajina ma ghandek bzonn ebda ghodda. Ghalhekk il-frazi fid-dinja tad-droga ‘tisniffja l-kokajina’. Kull ma ghandek bzonn huwa mnieher u wicc ta’ xi haga (flushing, mejda, dashboard, siggu). Huwa wkoll ghalhekk li l-asserzjonijijet gratwiti u ripetuti minghajr sostenn ta’ espert in materja mminaw serjament il-possibilita` ta’ difiza tal-esponent.

“Pero’ l-esponent ma jistax ma jikkummentax fuq is-segwenti bran:

“‘Huwa ovvju li l-imputat qal li kien diga` kkonsma ftit mid-droga sabiex jiggustifika ghalfejn minflok hmistax (15) il-gramma, il-pulizija sabu ftit anqas’.

“Li huwa ovvju ghall-esponent huwa zewg affarjiet - L-ewwel illi fid-dinja tad-droga qatt ma tinghata ezatt daqs kemm qed tixtri. Gieli ftit inqas u mindaqqiet ftit izjed. It-tieni, xi skop seta’ kellu l-esponent li joqghod jistqarr li kien diga` ha minn dak li xtara? Meta tqis l-ewwel kunsiderazzjoni, ma setax allura aktar facilment l-esponent ma jghid xejn minn dan kollu? Min kien ser imerih? Pjuttost jahseb l-esponent li l-fatt li xi hadd rah jiehu fil-karozza kien dak li wassal biex ftit wara jigu l-Pulizija fuq il-post. X’gwadann jiehu l-esponent billi jipprova ‘jiggustifika ghalfejn minflok 15 il-gramma l-pulizija sabu ftit anqas’. Anzi se mai qed izid il-piz tad-droga li kellu bil-konsegwenzi li dan igib mieghu. L-esponent, ghax qal il-verita`, billi qal affarijiet li se mai jaggravaw il-posizzjoni tieghu, safa ccensurat mill-ewwel Qorti li bhal donnu ried jahbi xi haga. Imma bir-rispett kollu, legalment u ragonevolment dan jaghmel sens?

“(g) Dwar il-paragrafu 4 fil-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li kienet moralment konvinta li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, l-esponent jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

“(i) Jekk l-istorja hija vvintata sabiex taghti raguni innocenti ghalfejn huwa kien quddiem il-Frankit Garage u kellu dawk il-flus fuqu, mela allura ghaliex l-ewwel Qorti ma ordnatx li jittiehdu proceduri ghall-ispergur kontra x-xhud Colin Tonna tal-Frankit Garage?

“(ii) Jekk l-istorja hija vvintata mela ghaliex ma ordnatx ukoll li jigi nvestigat il-propjetarju tar-Regina Auto Dealer talli ghamel ricevuti foloz?

“(iii) Jekk l-istorja hija vvintata mela kif tispjega r-ritratti tal-vettura tieghu minnu esebiti?

“(iv) Jekk l-istorja hija vvintata kif jista’ jkun li lanqas il-vettura ma giet ikkonfiskata allura?

“(v) Jekk hija vvintata allura huwa ukoll kontro-sens li jsir kumment fuq il-fatt li l-flus kienu taht is-seat u fl-istess hin tikkonkludi, bhalma ghamlet l-ewwel Qorti, li l-flus ma ghandhomx jigu konfiskati. Jekk suppost il-pakkett ta’ ghaxar (10) grammi kien fih ftit inqas mhux ghax l-esponent kien ikkonsma ftit minnha izda ghal raguni ohra, allura f’mohh il-Qorti dik ir-raguni kellha tkun li kien lahaq ta

lil xi haddiehor minn dik id-droga u allura, ghalkemm ma hemmx prova diretta ta' traffikar, hemm prova indizjarja ta' pussess aggravat.

"Naturalment dawn huma kollu kongettura. Pero` il-punt qed isir sabiex ikomplu jintwerew il-kontradizzjonijiet. Ghaliex ghax skond din il-logika l-flus taht is-seat kellhom, bl-istess logika jigu konfiskati ghaliex allura dawn huma rikavat ta' bejgh. Dana ma sarx u dan ikompli juri kemm legalment u ragonevolment l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni ta' htija fic-cirkostanza aggravanti tar-reat ta' pussess. Tabilhaqq fl-istess sentenza l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjonijiet kontraditorji.

"Illi dana kollu jwassal sabiex jigi ribadit li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija 'unsafe' u 'unsatisfactory'.

"2. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess il-piena kienet altru milli eccessiva. Huwa evidenti li hija ispirata minn konsiderazjonijiet ta' retribuzzjoni - konsiderazjonijiet ritenuti mill-gurisprudenza skaduti partikolarment meta mehuda isolatament minn kunsiderazzjonijiet ohra.

"Jinghad bl-akbar rispett li l-erogazzjoni tal-piena lanqas ma hadet in konsiderazzjoni t-trapass ta' zmien mir-reat allegat abbinat mal-fatt li l-esponent huwa llum kompletament riabilitat."

**6.** L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** Issa, fejn si tratta ta' akkuża bħal dik odjerna, il-pożizzjoni legali hi din: Il-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni u a bażi tal-provi li jinġabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv (jiġifieri għall-użu biss) tal-pussessur. Prova ossia ċirkostanza waħda f'dan ir-rigward tista', skond iċ-ċirkostanzi tal-każ, tkun biżżejjed. Meta l-ammont ta'droga tkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun ċirkostanza li waħedha tkun biżżejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati. Iżda jekk il-pussessur jikkontesta dan, jiġifieri jallega li d-droga kienet għall-użu esklussiv tiegħu, irid fuq bażi ta' probabbilta` iġib il-provi biex isostni d-difiża tiegħu.[2] Fil-każ in eżami fil-fatt l-appellant xehed u ressaq provi.

**8.** Kemm il-kwantita` kif ukoll il-mod kif droga tkun stivata, imgeżwra, ippakkjata, eċċ., huma indikaturi ta' jekk droga tkunx għall-użu esklussiv ta'

[2] Ara Appell Krimnali **il-Pulizija v. George Grima**, 11 ta' Mejju 2007.

persuna jew mhux għall-użu esklussiv tiegħu. In lineja ġenerali jista' jingħad li akbar ma jkun l-ammont aktar ikun verosimili li din ma tkunx għall-użu esklussiv ta' persuna. Pero` jista' jkollok ammont konsiderevoli ġo pakkett wiehed u jista' jkollok ammont zghir imqassam f'diversi kontenituri jew pakketti jew qratas u xorta jitqies li d-droga ma kinitx għall-użu esklussiv tal-persuna li għandha tkun instabet tali droga. Fil-każ in ezami kien hemm total ta' 14.691 grammi kokaina mqassmin 9.670 grammi f'borża u 5.021 grammi f'borża oħra. Ċertament l-ammont ma kienx wieħed iriżorju, iżda ġaladarba l-liġi tagħna ma tiddeterminax *a priori* l-minimu meħtieġ biex persuna tkun tista' tinsab ħatja ta' pussess mhux għall-użu esklussiv tagħha, kull każ irid jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-fattispecie partikolari tiegħu.

**9.** Fil-każ in eżami, skond kif xehed P.S. 114 Massimo Persiano, huwa kellu struzzjonijiet mingħand l-Assistent Kummissarju Paul Debattista sabiex jieħu tlieta min-nies miegħu u jmorru Mill Street, Ħal-Qormi quddiem il-Frankit Garage fejn kellha tasal vettura Peugeot 106 numru VBA 524 u l-persuna li kienet qed issuq din il-karozza kellha jkollha droga fuqha. Fil-fatt l-imsemmija karozza ġiet fuq il-post, il-Pulizija marru fuq ix-xufier – li kien l-appellant – u minn tfttxija li saret nstabet borża tal-*plastic* bi trab abjad fil-but tax-xellug tal-qalziet u borża oħra bi trab abjad fl-**ashtray**. Inoltre nstabu Lm750 taħt ir-*rear passenger seat*. Kif diġa` osservat fil-paragrafu preċedenti, it-trab abjad kien effettivament kokaina. Dawn, in effetti, huma l-uniċi provi li tressqu mill-prosekuzzjoni kontra l-appellant.

**10.** L-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti u spjega li dik id-droga kienet għall-konsum tiegħu personali u kien intenzjonat jeħodha miegħu għal btala li kien se jagħmel Għawdex. L-ewwel Qorti tagħti s-segwenti riassunt ta' dak li xehed:

> "Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat ma cahadx li d-droga u li flus li instabu kienu tieghu. Huwa spjega li huwa ilu fil-business tal-bini ghal dawn l-ahhar hmistax (15)-il sena. Wara li spicca x-xoghol fl-4.00p.m. cempel lil terza persuna u mar jixtri minghandha ghaxar (10) grammi kokajina. Huwa jghid li peress li kien sejjer hmistax (15)-il gurnata Ghawdex mal-gharusa tieghu, deherlu li kellu jixtri hames (5) grammi ohra ghax ried juzahom kuljum, ghax hu f'weekend kien juza zewg (2) jew tlett (3) grammi. Fi triqtu lejn Hal-Qormi hu ha zewg lines minnhom u kien ghalhekk, li l-pulizija sabu ftit inqas minn hmistax (15)-il gramma.
>
> "L-imputat xehed li hu normalment kien jiehu l-kokajina il-Gimgha u s-Sibt u kien jiehu bejn zewg (2) u (3) grammi. L-gharusa tieghu ma kienitx tabbuza mill-kokajina. Gieli kien jiehu fost il-gimgha, imma xi naqriet. Il-Hadd ma kienx jiehu, u kien ikollu hangover u ugiegh ta' ras. L-imputat xehed li Ghawdex kien qed jikkalkula li jikkonsma gramma kuljum, u kien ghalhekk li ikkalkula li ghaxar (10) grammi mhux se jservuh. Ghawdex seta' jikkonsma iktar ghax ma kienx se jkollu xoghol u kien se jkun liberu il-gurnata kollha.

> "L-imputat xehed ukoll li hu kien mar Hal-Qormi ghax kien miftiehem ma' tal-Frankit Garage li se jixtri xi affarijiet ghal vann tieghu u ried ihallsu. Colin Tonna li jiggestixxi il-Frankit Garage ikkonferma li dak in-nhar l-imputat kellu jmur ghandu biex jixtri xi parts ghal van li b'kollox kienu jammontaw ghal cirka LM1100."

**11.** L-ewwel Qorti osservat li l-appellant kellu jitqies bħala *"a weekend user"*, għalkemm kien jieħu xi ftit matul il-ġimgħa iżda dawn kienu "naqriet". Ikkummentat li *the typical single dose* tal-kokaina hija ta' 0.5 grammi, u l-effett tagħha jdum erba' (4) sa ħames (5) siegħat. Qalet li kienet xettika dwar kemm seta' jikkonsma 2 sa 3 grammi fil-*weekend* u ma kienx kredibbli li kien se jikkonsma gramma kuljum meta jkun Għawdex għaliex sostniet li ġismu ma kienx tolleranti għal dak il-konsum kollu ta' droga, aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra l-purita` tad-droga kien wieħed għoli ta' 40%.

**12.** L-ewwelnett irid jingħad li min ikun qiegħed jabbuża mid-droga normalment ma jkunx jaf il-purita` tad-droga li jkun qiegħed jikkonsma. Imbagħad jekk l-appellant, bħalma jgħid, kien jixtri regolarment mingħand l-istess persuna, u dik il-persuna kienet tbiegħlu kokaina b'dik il-purita`, m'hemmx dubju li ġisem l-appellant kien tolleranti għal dik il-purita`. Kwantu għall-frekwenza ta' l-abbuż da parti ta' l-appellant u l-ammont li kien jieħu, wieħed ma jistax jitfa lil kulħadd fl-istess keffa. Fid-dinja ta' l-abbuż tad-droga hemm diversi fatturi u ċirkostanzi li jvarjaw minn persuna għall-oħra. M'hemm xejn inverosimili fil-fatt li wieħed "jaħseb" minn qabel għal vakanza f'Għawdex fejn probabilment ma jkunx jaf is-suq.

**13.** L-ewwel Qorti qalet li l-appellant qal li kien se jagħmel ħmistax Għawdex mentri l-*booking* tal-lukanda kien għal tnax-il ġurnata u għaxar grammi kienu "altru milli suffiċjenti". Allura kieku kellu għaxar grammi, l-ewwel Qorti kienet tikkonkludi li l-pussess kien għall-użu esklussiv ta' l-appellant? Jekk verament l-appellant kien fi ħsiebu jikkonsma gramma kuljum, allura għaxar grammi ma kinux suffiċjenti ġaladarba l-mawra tiegħu kienet se tkun għal aktar minn għaxart ijiem. U anke kieku stess l-appellant ma kienx jikkonsma kollox, mhuwiex evidenti li dak li jifdal kien iġibu lura miegħu Malta? Il-verita` hi li min ikun qiegħed jabbuża ma joqgħodx jiżen l-ammont li se juża qabel tali użu. Fid-dinja tad-droga, diffiċilment wieħed jista' jasal għal konklużjoni fuq il-bażi ta' kalkoli matematiċi.

**14.** Jidher li l-ewwel Qorti ma emmnitx li l-appellant kien ħa żewġ linji kokaina fi triqtu lejn Ħal-Qormi wara li kien xtara, u dan għax ma nstabitx għodda neċessarja għall-abbuż tal-kokaina, bħal tubu. Pero` biex tisniffja l-kokaina l-użu ta' għodda mhuwiex *sine qua non*. Kif josserva l-appellant, kull m'għandek bżonn huwa mnieħer u wiċċ ta' xi ħaġa. Jekk persuna tippreferi l-użu ta' tubu,

dan malajr jista' jsir bl-użu ta', per eżempju, karta tal-flus. Ma jirriżultax li saru tfittxijiet forensiċi fil-karozza ta' l-appellant u fuq oġġetti oħra fil-pussess ta' l-appellant għall-presenza ta' traċċi ta' droga. Inoltre jiġi enfasizzat li tfittxija fir-residenza tiegħu tat riżultat negattiv. Jiġifieri hemm l-assenza kompleta ta' xi ċirkostanza oħra li tista' tindika li l-appellant kien qiegħed jakkwista l-kokaina mhux għall-użu esklussiv tiegħu. Kien hemm, per eżempju, in-nuqqas ta' sejbien ta' xi miżien; in-nuqqas ta' sejbien ta' ismijiet, numri tat-telefon , eċċ., li jistgħu jindikaw kuntatti ma' klijenti ta' spaċċatur.

**15.** L-ewwel Qorti tosserva wkoll li filwaqt li l-appellant insista li kien ħa ż-żewġ linji mill-borża tal-ħames grammi, kienet il-borża ta' l-għaxar grammi li kienet bin-nieqes. Din il-Qorti ma tistax ma tgħidx li taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellant li fid-dinja tad-droga qatt ma tingħata eżatt daqs kemm qed tixtri; ġieli ftit inqas u mindaqqiet ftit iżjed. U jekk l-appellant ħa żewġ linji, ma nafux il-piż ta' dawk il-linji. Għalhekk dak li deher ovvju għall-ewwel Qorti mhuwiex daqstant ovvju għal din il-Qorti.

**16.** Kwantu għar-raġuni li l-appellant ta għaliex mar quddiem il-Frankit Garage, l-ewwel Qorti ma jidhirx li tat wisq kredibilita` għal dak li qal l-appellant. Dak li xehed l-appellant, pero`, huwa kkorroborat minn Colin Tonna tal-Frankit Garage stess. Huwa wkoll ikkorroborat mill-irċevuti rilaxxati mir-Regina Auto Dealer u mir-ritratti li ħa l-appellant. M'hemm xejn li jikkontradiċi dawn il-provi. Saħansitra l-ewwel Qorti, kif tajjeb osserva l-appellant, ma ordnatx li jittieħdu proċeduri kontra l-imsemmi Colin Tonna għal sperġur. Imbagħad, nonostante li l-ewwel Qorti ma emmnitx il-verżjoni ta' l-appellant, hija ma ordnatx il-konfiska tal-flus elevati mill-Pulizija u tal-karozza; anzi speċifikament ordnat ir-rilaxx tagħhom a favur ta' l-appellant għax ikkonkldiet li "ma hemmx prova sal-grad rikjest fil-kamp penali li l-flus li kellu fuqu l-imputat kienu ġejjin mit-traffikar tad-droga".

**17.** Dwar ir-riċevuti tar-Regina Auto Dealer, din il-Qorti ma tistax ma tirreferix għal dak li qalet l-ewwel Qorti li "ma tistax tifhem ir-raġuni għala fl-istess ġurnata l-imputat ħallas id-depositu ta' Lm100 (riċevuta numru 5042 – Dok PPC2), biex imbagħad preżumibilment iktar tard dak in-nhar stess, l-imputat ħallas il-bilanċ ta' Lm1100 (riċevuta 5045 – Dok PPC 3). Depositu normalment jitħalla għax l-affarijiet ikunu se jinxtraw aktar tard. L-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni għal dan." L-ispjegazzjoni ttiha l-ewwel Qorti stess fl-istess bran meta tgħid li l-appellant ħallas "preżumibilment iktar tard dak in-nhar stess". Huwa evidenti li l-appellant ikkapparra l-kabina li kellu bżonn jixtri, u aktar tard fl-istess ġurnata mar jiġbor l-istess kabina u ħallas il-bqija tas-somma.

**18.** Li l-appellant kien jagħmel użu mid-droga ma hemmx dubju. Dan jirriżulta mix-xiehda tat-tabib Dr. Mario Scerri. Mix-xiehda ta' Dr. Scerri jidher li l-

vizzju kien daħal sew tant li l-appellant dam medda ta' ftit snin biex jaqta' dan il-vizzju. Mhuwiex għalhekk inverosimili li l-ammont li kellu fil-pussess tiegħu l-appellant kien għall-użu personali tiegħu.

**19.** Fl-aħħarnett din il-Qorti ma tistax ma tirreferix għal dak li xehed l-appellant li kien stqarr ma' l-Ispettur investigattiv mingħand min kien xtara l-kokaina in kwistjoni. Jgħid li ta t-*telephone numbers* u l-*particulars* tiegħu "u mal-ħin kienu attakkawh u kienu qabduh ukoll". Dan kollu ma ġie bl-ebda mod kontradett.

**20.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-ewwel qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, u cioe` li l-pussess in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv tal-appellant (allura imputat).

**21.** Kwantu għall-piena, din il-Qorti trid tikkunsidra l-assistenza li l-appellant ta lill-Pulizija meta ndika mnejn kien qiegħed jixtri d-droga, kif ukoll il-fatt li huwa qata' l-vizzju.

**22.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabitu ħati tal-kwalifika li l-kokajina nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu u in kwantu kkundannatu għal tliet (3) snin priġunerija, kif ukoll in kwantu kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50.00) bl-ewwel pagament li jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarja erogata, u għal dan il-fini r-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data; pero` jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata habs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut; kif ukoll in kwantu l-Qorti ordnat lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema spejjeż jammontaw għas-somma ta' mija u tlettax-il Euro u tletin ċenteżmu (€113.30), ekwivalenti għal tmienja u erbgħin Lira Maltija u erba' u sittin ċenteżmu (Lm48.64), li għandhom jitħallsu fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza appellata, b'dan li jekk il-ħati jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiż-żmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata priġunerija għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut, <u>u minflok</u>, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu ħati ta' pussess, tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elfejn euro (€2,000) u tordna li jħallas lir-Reġistratur, a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ispejjeż peritali ammontanti għal

mija u tlettax-il euro u tletin ċenteżmu (€113.30). Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.